REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2566

tat-13 ta' Ottubru 2022

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2018/273 fir-rigward tal-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil tad-dwieli

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 69 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/273 ([2]) jistabbilixxi regoli li jissupplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 dwar, b'mod partikolari, l-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil tad-dwieli, ir-reġistru tal-vinji, id-dokumenti ta' akkumpanjament u ċ-ċertifikazzjoni, ir-reġistru tad-dħul u tal-ħruġ, id-dikjarazzjonijiet obbligatorji, in-notifiki u l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni notifikata.

(2) L-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil tad-dwieli prevista fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ġiet emendata bir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u dawk l-emendi jeħtieġ li jiġu riflessi fir-Regolament Delegat (UE) 2018/273.

(3) L-eżenzjoni mill-obbligu li tinkiseb awtorizzazzjoni għat-tħawwil tad-dwieli hija estiża biex tinkludi t-tħawwil jew it-tħawwil mill-ġdid ta' żoni maħsuba għall-istabbiliment tal-kollezzjonijiet tal-varjetajiet tad-dwieli maħsuba għall-preservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi. Dik l-eżenzjoni jeħtieġ li tiżdied mad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw żoni għal finijiet esperimentali jew għal mixtliet għat-tilqim. Sabiex jiġi evitat kull abbuż ta' dik l-eżenzjoni, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet li tali kollezzjonijiet ta' varjetajiet ta' dwieli jridu jissodisfaw. Barra minn hekk, jeħtieġ li d-definizzjonijiet ta' "vinikultur" u "ħabel tal-vinji" stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2018/273 kif ukoll fl-Anness IV tiegħu jiġu aġġornati biex jirriflettu dik l-eżenzjoni. Għal aktar ċarezza, id-definizzjoni l-ġdida tat-terminu "kollezzjoni ta' varjetajiet ta' dwieli" jenħtieġ li tiżdied ukoll ma' dak l-Artikolu.

(4) Kif previst fl-Artikolu 63(3)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil fil-livell reġjonali għal żoni speċifiċi eliġibbli għall-produzzjoni tal-inbejjed b'Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta jew Indikazzjoni Ġeografika Protetta sabiex jiġi evitat riskju muri sew ta' żvalutar ta' Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta partikolari jew Indikazzjoni Ġeografika Protetta. Jenħtieġ li dik id-dispożizzjoni tiġi riflessa fir-regoli dwar ir-restrizzjonijiet għat-tħawwil mill-ġdid stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2018/273.

(5) L-impenji ta' applikant li jikkonforma mal-kriterji ta' eliġibbiltà msemmija fl-Artikolu 64(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/273, u li l-applikazzjoni tiegħu ma toħloqx riskju sinifikanti ta' miżapproprjazzjoni tar-reputazzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti speċifiċi, jridu jintemmu fil-31 ta' Diċembru 2030. Dak il-limitu ta' żmien, li jikkorrispondi għat-tmiem tas-sistema tal-awtorizzaz-

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/273 tal-11 ta' Diċembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħlu l-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-taħwil tad-dwieli, ir-reġistru tal-vinji, id-dokumenti ta' akkumpanjament u ċ-ċertifikazzjoni, ir-reġistru tad-dħul u l-ħruġ, id-dikjarazzjonijiet obbligatorji, in-notifiki u l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni notifikata, u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli u penali rilevanti, li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008, (KE) Nru 606/2009 u (KE) Nru 607/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009 kif ukoll ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/560 (ĠU L 58, 28.2.2018, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 262).

zjonijiet għat-tħawwil tad-dwieli, jenħtieġ li jiġi adattat minħabba l-estensjoni tal-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil tad-dwieli introdotta fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 bir-Regolament (UE) 2021/2117. Għal dik l-istess raġuni, id-dati tat-tmiem għal ċerti impenji li jikkonċernaw il-kriterji ta' eliġibbiltà fl-Annessi I u II tar-Regolament Delegat (UE) 2018/273 jenħtieġ li jiġu adattati wkoll.

(6) Il-kriterji ta' prijorità msemmija fl-Artikolu 64(2)(f) u (h) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ġew emendati u ċċarati, rispettivament, u dawn il-bidliet jenħtieġ li jiġu riflessi wkoll fil-partijiet korrispondenti tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2018/273.

(7) Barra minn hekk, it-terminu "vinikultur" kif definit fl-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/273 jindika l-vitikultur professjonali. Madankollu, jintuża wkoll bi żball fl-Artikolu 3(3) ta' dak ir-Regolament Delegat biex jirreferi għall-persuna fiżika li tipproduċi l-inbid minn żona mhux akbar minn 0,1 ettaru għall-konsum mill-membri tal-unità domestika biss li hija eżentata mill-iskema ta' awtorizzazzjoni għat-tħawwil. Jenħtieġ li din il-kontradizzjoni tiġi rrettifikata.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2018/273 jiġi emendat u kkoreġut skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2018/273

Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/273 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) 'vitikultur' tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, hu x'inhu l-istatus legali mogħti lil dan il-grupp u lill-membri tiegħu mil-liġi nazzjonali, li l-impriża tagħhom tinsab fit-territorju tal-Unjoni, kif definit fl-Artikolu 52 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea b'rabta mal-Artikolu 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u li jkollhom żona mħawla bid-dwieli fejn il-prodott ta' din iż-żona jintuża għall-produzzjoni kummerċjali tal-prodotti tal-inbid, jew iż-żona tibbenefika mill-eżenzjonijiet għal finijiet esperimentali, għall-istabbiliment tal-kollezzjonijiet tal-varjetajiet tad-dwieli maħsuba għall-preservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi jew għal mixtliet tat-tilqim kif imsemmija fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament;";

(b) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) 'ħabel tal-vinji' tfisser żona agrikola kif definit fl-Artikolu 67(4)(a), tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 li titħawwel bid-dwieli mmirati għall-produzzjoni kummerċjali tal-prodotti tal-inbid jew li jibbenefikaw mill-eżenzjonijiet għal finijiet esperimentali, għall-istabbiliment tal-kollezzjonijiet tal-varjetajiet tad-dwieli maħsuba għall-preservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi jew għal mixtliet tat-tilqim kif imsemmija fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament;";

(c) jiżdied il-punt (l) li ġej:

"(l) "kollezzjoni ta' varjetajiet ta' dwieli" tfisser ħabel tal-vinji mħawla b'diversi varjetajiet ta' dwieli fejn kull varjetà ma tammontax għal aktar minn 50 pjanta.";

(2) Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"It-tħawwil jew it-tħawwil mill-ġdid taż-żoni maħsuba għal finijiet esperimentali, għall-istabbiliment tal-kollezzjonijiet tal-varjetajiet tad-dwieli maħsuba għall-preservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi jew għall-mixtliet tat-tilqim għandhom ikunu soġġetti għal notifika minn qabel lill-awtoritajiet kompetenti. In-notifika għandha tinkludi kull informazzjoni rilevanti fir-rigward ta' dawk iż-żoni u l-perjodu li matulu se jsir l-esperiment, se tinżamm il-kollezzjoni tal-varjetajiet tad-dwieli jew se tibda l-produzzjoni tal-mixtla tat-tilqim. Anki l-estensjonijiet ta' dawn il-perjodi għandhom jiġu nnotifikati lill-awtoritajiet kompetenti.";

(b) fit-tieni subparagrafu, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) jikseb awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 64, 66 jew 68 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għaż-żona kkonċernata, b'mod li l-għeneb imkabbar f'dik iż-żona u l-prodotti tal-inbid miksuba minn dak l-għeneb jistgħu jiġu kummerċjalizzati; jew";

(c) wara t-tielet subparagrafu, jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"L-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika għaż-żoni maħsuba għall-istabbiliment tal-kollezzjonijiet tal-varjetajiet tad-dwieli biss fejn il-fini tal-istabbiliment ta' tali kollezzjonijiet hija l-preservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-varjetajiet tad-dwieli li huma tipiċi ta' ċertu reġjun tal-produzzjoni tal-inbid u fejn iż-żona koperta minn kull ġbir ma taqbiżx ż-żewġ ettari.

L-Istati Membri jistgħu jfasslu lista ta' varjetajiet tal-għeneb tal-inbid ikklassifikati f'konformità mal-Artikolu 81(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fit-territorji tagħhom, li huma eliġibbli fil-livell nazzjonali jew reġjonali għall-fini tal-istabbiliment tal-kollezzjoni tal-varjetajiet għall-preservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi. L-Istati Membri jistgħu wkoll jiffissaw żona massima għall-kollezzjonijiet ta' tali varjetajiet tad-dwieli taħt ż-żewġ ettari, kif ukoll għadd massimu ta' dwieli għal kull varjetà inqas mil-limitu massimu stabbilit fl-Artikolu 2(1)(l) ta' dan ir-Regolament.";

(3) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri jistgħu jillimitaw it-tħawwil mill-ġdid abbażi tal-Artikolu 66(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, meta ż-żona speċifika li għandha titħawwel mill-ġdid tkun tinsab fiż-żona li għaliha jkun limitat il-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil ġdid f'konformità mal-Artikolu 63(2)(b), ta' dak ir-Regolament, u diment li d-deċiżjoni tkun ġustifikata mill-ħtieġa li jkun evitat riskju muri sew ta' żvalutar ta' Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta ('DOP') speċifika jew ta' Indikazzjoni Ġeografika Protetta ('IĠP') speċifika.";

(b) fit-tieni paragrafu, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Ir-riskju ta' żvalutar msemmi fl-ewwel paragrafu ma jkunx jeżisti jekk:";

(4) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti A, it-tieni paragrafu, id-data "il-31 ta' Diċembru 2030" hija sostitwita b'"il-31 ta' Diċembru 2045";

(b) fil-Parti B, it-tieni paragrafu, id-data "il-31 ta' Diċembru 2030" hija sostitwita b'"il-31 ta' Diċembru 2045";

(5) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) il-Parti B hija emendata kif ġej:

(i) fil-punt 1, l-ewwel subparagrafu, id-data "il-31 ta' Diċembru 2030" hija sostitwita b'"il-31 ta' Diċembru 2045";

(ii) fil punt 2, l-ewwel subparagrafu, id-data "il-31 ta' Diċembru 2030" hija sostitwita b'"il-31 ta' Diċembru 2045";

(iii) fil-punt 4, it-tieni subparagrafu, id-data "il-31 ta' Diċembru 2030" hija sostitwita b'"il-31 ta' Diċembru 2045";

(iv) jiddaħħal il-punt 5 li ġej:

"(5) l-applikant jimpenja ruħu li, għal perjodu minimu ta' 7 sa 10 snin, iżomm iż-żona/i li għandhom jitħawlu mill-ġdid b'mill-inqas waħda mill-varjetajiet elenkati fil-lista nazzjonali tal-varjetajiet tad-dwieli eliġibbli għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi mfassla mill-Istat Membru għal dak il-fini. Dan il-perjodu ma għandux jaqbeż il-31 ta' Diċembru 2045.";

(b) fil-Parti D, it-tieni subparagrafu, id-data "il-31 ta' Diċembru 2030" hija sostitwita b'"il-31 ta' Diċembru 2045";

(c) il-Parti F hija sostitwita b'dan li ġej:

"F. **Il-kriterju msemmi fl-Artikolu 64(2)(f), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

Il-kriterju msemmi fl-Artikolu 64(2)(f), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandu jitqies issodisfat jekk iż-żieda fil-kosteffiċjenza, jew fil-kompetittività jew fil-preżenza tas-swieq tkun stabbilita abbażi ta' wieħed minn dawn l-elementi:

(1) il-kostijiet tal-unità tal-prodott tal-impriża fis-settur tat-tkabbir tal-inbid naqsu f'sena partikolari meta mqabbla mal-medja tal-5 snin preċedenti;

(2) l-impriża ddiversifikat il-mezzi ta' distribuzzjoni u/jew id-domanda għolja għall-prodotti tagħha f'sena partikolari meta mqabbla mal-medja tal-5 snin preċedenti.

L-Istati Membri jistgħu jagħtu aktar dettalji dwar il-kunsiderazzjonijiet elenkati fil-punti (1) u (2).";

(d) il-Parti H hija sostitwita b'dan li ġej:

"H. **Il-kriterju msemmi fl-Artikolu 64(2)(h), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

Il-kriterju msemmi fl-Artikolu 64(2)(h) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandu jitqies issodisfat diment li ż-żona tal-ħbula tal-vinji tal-impriża tal-applikant waqt l-applikazzjoni tkun konformi mal-limiti li għandhom jistabbilixxu l-Istati Membri fil-livell nazzjonali jew reġjonali abbażi ta' kriterji oġġettivi. Dawn il-limiti għandhom jiġu stabbiliti bħala:

(1) mhux inqas minn 0,1 ettaru ta' ħbula tal-vinji għall-impriżi żgħar;

(2) mhux aktar minn 50 ettaru ta' ħbula tal-vinji għall-impriżi medji.

Iż-żoni mħawlin bid-dwieli li jibbenefikaw mill-eżenzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 62(4) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ma għandhomx jitqiesu għall-kalkolu taż-żona tal-ħbula tal-vinji.";

(e) Fil-Parti I, it-Taqsima II, it-tieni subparagrafu, id-data "il-31 ta' Diċembru 2030" hija sostitwita b'-"il-31 ta' Diċembru 2045";

(6) Fl-Anness IV, it-Taqsima 1.2, il-punt 1, jiżdied il-punt (c) li ġej:

"(c) iż-żoni mħawla jew imħawla mill-ġdid għall-istabbiliment tal-kollezzjonijiet tal-varjetajiet tad-dwieli maħsuba għall-preservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi.".

Artikolu 2

Korrezzjoni għar-Regolament Delegat (UE) 2018/273

L-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/273 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. It-tħawwil jew it-tħawwil mill-ġdid ta' żoni li l-prodotti tal-inbid jew tad-dwieli tagħhom huma maħsuba biss għall-konsum mill-unità domestika ta' persuna fiżika, jew grupp ta' persuni fiżiċi li mhumiex vitikulturi skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a), għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) iż-żona ma taqbiżx iż-0,1 ettaru;

(b) il-persuna fiżika jew il-grupp ta' persuni fiżiċi kkonċernati ma jkunx involut fil-produzzjoni kummerċjali tal-inbid jew fil-produzzjoni kummerċjali ta' prodotti oħrajn tal-inbid.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jqisu ċerti organizzazzjonijiet mingħajr attività kummerċjali bħala ekwivalenti għall-unità domestika tal-persuna fiżika.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li t-tħawwil msemmi fl-ewwel subparagrafu jkun soġġett għal notifika.".

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN